# FESTI U ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI



## Kitba ta' Frans Zahra

*Dawn il-Festi u ċ-Ċelebrazzjonijiet li kienu jsiru fil-Parroċċa tagħna llum jew spiċċaw għal kollox jew m'għadhomx isiru bħal dari. Qabel xejn nixtieq nirringrazzja lil Mons. Karm Zammit tal-għajnuna li sibt minn għandu biex sawwart ħafna mit-tagħrif li inti se taqra. Tagħrif ieħor kien mgħoddi lili snin ilu mill-qatt minsi ex-Arċipriet Mons. Pantaleone Orland.*

**It-Tnejn fl-Ottava tal-Għid**
Nibda biex ngħid li t-Tnejn ta' fuq l-Għid il-Kbir kienet issir purċissjoni sal-knisja tal-Madonna tal-Ħniena f'Bir id-Deheb. Fi triqithom lejn tal-Ħniena s-saċerdoti li kienu jakkumpanjaw kienu jgħidu l-litanija tal-qaddisin. Meta l-purċissjoni kienet tasal f'tal-Ħniena kienet titkanta l-Antifona, u wara xi tazza kafe u xi biskuttel ma kienux jonqsu. Meta l-purċissjoni kienet terġa taqbad triqitha lura lejn il-knisja parrokkjali s-saċerdoti kienu jibdew jgħidu l-lawdi. Din il-purċissjoni kienet issir biex tissustitwixxi dik ta' San Girgor, li ssir nhar l-ewwel Erbgħa fuq l-Għid il-Kbir, għaliex il-parroċċa taż-Żejtun ma kinitx tieħu sehem fil-purċissjoni. Infakkarkom li sas-sena 1925 l-parroċċi kienu jieħdu sehem nhar il-festa ta' San Girgor. L-Isqof Mauro Caruana kien waqqaf is-sehem tal-parroċċi minħabba disgwit li nqala' bejn żewġ parroċċi dwar il-preċidenza ta' kif jimxu wara xulxin. Fl-1926 il-festa ta' San Girgor bdiet issir mingħajr is-sehem tal-parroċċi.

**Il-Festa ta' San Mark l-Evanġelista**
Fil-25 t' April kienet issir il-festa f'ġieħ San Mark. Dakinhar kienu jitbierku l-irjieħ. Mill-knisja parrokkjali kienet toħroġ purċissjoni bis-sehem tal-Abbatini u l-Kleru, mmexxija bis-salib tal-Kleru, li kienet tmur lejn il-Knisja ta' San Girgor. Tul it-triq lejn San Girgor is-saċerdoti kienu jkantaw il-Litanija tal-Qaddisin. Meta l-purċissjoni kienet tasal ħdejn San Girgor, minn fuq iz-zuntier is-saċerdot kien jaqdab l-aspergis u minn hemm kienu ibierku l-irjieħ, it-Tramuntana, il-Lvant, il-Punent u n-Nofsinhar. Dan it-tberik kien isir biex bl-għajnuna t'Alla

l-prodotti tar-raba jsiru b'wiċċ il-ġid. Waqt li l-purċissjoni kienet terġa tirritorna lejn il-knisja parrokkjali matul it-triq is-saċerdoti kienu jgħidu l-lawdi

## Il-Festa ta' San Ġużepp

Nibda biex ngħid li wara li l-Papa Piju IX, fit-8 ta' Diċembru 1870, ipproklama lill-qaddis patrijarka San Ġużepp bħala patrun universali tal-Knisja Kattolika, bdiet tqum id-devozzjoni lejn San Ġużepp, u mal-mixja tas-snin il-fervur kiber tant li f'diversi rħula u bliet bdew jinħolqu festi f'ġieħu bħal f'Ħal Kirkop, Ħal Għaxaq, il-Qala (Għawdex), il-Kalkara, l-Imsida, l-Ħamrun u Ħaż-Żebbuġ. Saħansitra il-Ħamrun kien sar magħruf bħala 'Casal San Giuseppe'.


Statwa ta' San Ġużepp - Żejtun

L-artal u l-festa f'ġieħu kienu f'idejn Dun Franġisk Azzopardi, li kien il-parrinu ta' Mons. Pantaleone Orland. Wara Dun Franġisk daħal bħala prokoratur Dun Spir Grixti li bħala saċerdot novell mimli enerġija ħaseb biex jagħmel statwa ġdida, dik li naraw il-lum. Naturalment statwa titlob bradella u bankun. Dik il-ħabta kienet qegħda tinħadem dik ta' Santa Katarina, u ċertu mastrudaxxi ma setgħux jidħlu għal dan il-proġett l-ieħor, għax jew titlesta waħda jew inkella taqbad oħra. Fl-aħħar ġie avviċinat Mose' Dalmas. Dalmas hu 'l istess wieħed li fl-1912 ħadem is-salib tar-Redentur. Jekk l-istatwa ta' San Ġużepp hi opra sabiħa, il-bradella u l-bankun bla dubju jikkumplimentawha. Din l-istatwa, flimkien ma' dik ta' Santa Katarina huma l-unika tnejn li għandhom bradella u bankun komplimentari ġewwa ż-Żejtun.

Għal ħabta tas-sena 1907 kien twaqqaf każin bl-isem 'Circolo San Giuseppe' fi triq San Luċjan biex jieħu ħsieb il-festa ta' San Ġużepp u biex naturalment tinħoloq pika ma' ta' Santa Katarina. Is-soċi kienu talbu lil Dun Spir sabiex jitlob lil Arċipriet biex titwaqqaf fratellanza. L-iskop aħħari kien biex issir it-tieni festa. Pero l-Arċipriet m'aċċettax u b'hekk din id-deċiżjoni waslet biex iċ-circolo, il-fratellanza u l-każin spiċċaw għax kien twaqqaf kollox.

Il-festa ta' San Ġużepp kienet issir fir-raba' Erbgħa ta' wara l-Għid il-Kbir. Darba l-festa f'ġieħ San Ġużepp tmexxiet mill-Kardinal De Gaeuvara li kien Afrikan. Il-festa kienet issir fost il-ġimgħa. Illum din il-festa qegħda tiġi ċċelebrata nhar l-1 ta' Mejju b'għasar u quddiesa kantata. L-istatwa verament sabiħa ta' San Ġużepp tintrama fil-korsija tal-knisja.

## Il-Festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes

Din il-festa kienet issir fit-3 ta' Mejju. Kienet issir purċissjoni u fiha, taħt il-

baldakkin, kienet tinġarr ir-relikwija tas-Salib Imqaddes, il-*Veru Lingium*. Din ir-relikwija matul is-sena tkun miżmuma fuq l-artal tal-Kurċifiss. Għal din il-festa kien inħadem sett ta' apparat biex jintuża fil-funzjonijiet, jiġifieri pjaneta, żewġ tuniċelli, kappa, stejjel, sopra leġiju, iċ-ċelu tal-baldakkin u l-umbrellun, kif ukoll il-kanopew u d-drapp tal-ventartal.

**Ir-Rogazzjonijiet**

Ir-rogazzjonijiet kienu jkunu t-tlett ijiem ta' qabel il-festa ta' Lapsi, jiġifieri t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, peress li l-festa tat-Tlugħ fis-Sema ta' Ġesu' Kristu kienet tiġi ċċelebrata l-Ħamis, f'għeluq l-erbgħin jum mill-Qawmien mill-Imwiet ta' Kristu. Matul dawn it-tlett ijiem kienu jsiru tlett purċissjonijiet, waħda kuljum. Pjuttost kienu jkunu purċissjonijiet penitenzjali li fihom kienet titkanta l-litanija tal-qaddisin. Il-purċissjonijiet kienu jsiru darba għall-kappella tas-Salvatur, darb' oħra għall-Ispirtu s-Santu u darb' oħra għall-kappella ta' Santa Marija. Meta l-purċissjoni kienet tidħol fil-kappella rispettiva kienet titkanta l-antifona marbuta mad-dedika ta' dik il-kappella, pereżempju fil-kappella ta' Santa Marija kienet titkanta l-antifona tal-Madonna.

Dawn ir-Rogazzjonijiet, kelma li ġejja mill-Latin 'Rogare' li tfisser 'Titlob', għandhom l-oriġini tagħhom fi Franza fis-seklu 5. Id-djoċesi ta' Vienne f'Dauphine kienet intlaqtet minn terremoti u diżastri oħra. L-isqof tad-djoċesi Mons. Mamertu, waqqaf tlett purċissjonijiet penitenzjali fit-tlett ijiem ta' qabel il-festa ta' Lapsi. Fis-sena 816 il-Papa Ljun III, li serva bħala papa bejn Diċembru tas-sena 795 u Ġunju tas-sena 816, daħħal dan ir-rit f'Ruma u minn hemm dawn bdew isiru kullimkien. Barra l-litanija tal-qaddisin fil-purċissjonijiet kienu jinqraw is-salmi u xi talb ieħor. Ruma mbagħad adattat osservanza simili fil-festa ta' San Mark l-Evanġelista, nhar il-25 t'April, li dan kien ingħata l-martirju f'Lixandra fis-sena 80 W.K.



Artal tal-Karita - Parroċċa Żejtun

**Il-Festa tal-Madonna tal-Karita**

Aktarx għall-bidu tax-xahar ta' Ġunju kienet tiġi ċċelebrata l-festa tal-Karita, jew aħjar tal-Madonna tal-Karita. L-artal tal-Karita hu dak li qiegħed fin-nava tan-nofs bejn l-artali ta' San Mikiel u San Ġużepp. Għall-bidu kienu jintramaw erba' baċiri ornamentali li kien jkun fihom ħobż żgħir, kull ħobża kbira daqs pulzier u nofs dijametru. Mons. Pantaleone Orland kien tani nformazzjoni li kienet issir ukoll purċissjoni. Ir-reffiegħa ta' dawn il-baċiri kien ikollhom faxxa blu mlibsa minn fuq spallithom

il-leminija għal fuq il-ġenb tax-xellug b'qagħqa ftit kbira, kollha ġunġlien, li kienet tkun imdendla. Din il-qagħqa kienet tkun għar-reffiegħa tal-baċiri. Il-prokoraturi tal-festa kienu jieħdu ħsieb li l-ħobż kien jitbierek fil-festa tal-Madonna tal-Karita u nhar il-festa u l-għada dan kien jitqassam lill-familji. Mons. Karm Zammit jiftakar li l-festa kienet issir biss fil-knisja u anke t-tqassim tal-ħobż imbierek.

**Chorpus Christi**

Il-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu kienet tiġi ċċelebrata fil-jum tal-Ħamis. Dakinhar kienu jsiru żewġ purċissjonijiet bis-Santissimu Sagrament li kien jinġarr taħt il-baldakkin. Il-purċissjoni ta' filgħodu kienet toħroġ wara l-quddiesa kantata li kienet tkun fis-sebgħa ta' filgħodu biex b'hekk il-purċissjoni ma tilħaqx il-karga tax-xemx. Il-purċissjoni mill-knisja kienet tmur lejn Ħabel ix-Xgħir, misraħ il-Bjar u triq il-Kbira. Imbagħad kienet tiġbed lejn triq l-Ispirtu s-Santu u Santa Marija. Is-saċerdot li kien iġorr l-ostensorju, peress li dan huwa tqil, kien jidħol fil-kappella tas-Salvatur, fil-kappella tal-Ispirtu s-Santu u fil-kappella ta' Santa Marija biex jistrieħ ftit. Wara l-gwerra għal xi snin ċertu wieħed imlaqqam 'Bonitu' kien jagħmel l-infjorata, jiġifieri tapit tal-fjuri, matul il-korsija tal-knisja, mill-bieb ta' barra sa taħt l-artal. Filgħaxija l-purċissjoni kienet tkun iqsar, mill-knisja għal triq San Luċjan u triq Sant' Anġlu u lura għall-knisja. Naturalment iż-żewġ purċissjonijiet, kemm dik ta' filgħodu u dik ta' filgħaxija, kienu jagħlqu bil-barka Sagramentali.

**Il-Festa tal-Qalb ta' Ġesu'**

Lejliet il-festa, jiġifieri il-Ħamis, kienet toħroġ purċissjoni bis-Sagrament u ssegwi 'l istess toroq li minnhom tgħaddi l-purċissjoni ta' Santa Katarina. Il-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesu iktar qabel kienet tgħaddi minn triq Beland, kif ukoll qegħda tgħaddi llum. Matul l-ottava ta' Chorpus, jiġifieri matul it-tmin t'ijiem ta' bejn Chorpus u l-festa tal-Qalb ta' Ġesu' kienet issir purċissjoni kuljum bi-Santissimu Sagrament, purċissjoni li toħroġ minn bieb u tidħol minn ieħor tal-Knisja.



Madonna tad-Duttrina - Żejtun

**Il-Festa tal-Madonna tad-Duttrina**

Din il-festa kienet issir Ħadd fuq il-festa tal-Qalb ta' Ġesu'. Din kienet kważi saret bħala t-tieni festa taż-Żejtun. Għal din il-festa kienu jiġbru l-fondi għaliha dawk li kienu jaħdmu fil-faħam abbord il-vapuri, għaliex dawk li kienu jaħdmu fil-faħam fuq l-art kienu jiġbru ll-fondi għall-festa ta' Santa Katarina. Il-pjazza kienet tkun armata tista' tgħid daqs tal-festa titulari, fosthom

żewġ statwi ta' Sant' Anna u San Ġwakkin li kienu nbiegħu u llum qegħdin jintramaw fuq iż-zuntier fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar. Fil-purċissjoni kienu jieħdu sehem tfal lebsin suttana ħamra bil-buttuni ċelesti, spellizza bajda u pellegrina blu ċar, eżattament bħalma huma liebsa t-tfal li naraw fl-istatwa tal-Madonna tad-Duttina. Huma kien ukoll ikollhom xemgħa żgħira twila u b'xi fjuri magħha. Il-purċissjoni kienet tkun akkumpanjata mill-fratelli. Sehem il-banda ma kienx jonqos, ġieli wkoll kien ikun hemm żewġ baned, skont kemm kienu jippermettu l-finanzi.

**Tlett Festi, Statwa Waħda**

Matul is-sena kienu jsiru tlett festi oħra f'ġieħ il-Madonna. Dawn il-festi tal-Madonna kienu jsiru taħt tlett titli differenti, lill-Madonna tar-Rużarju, lill-Madonna tal-Warda u lill-Madonna taċ-Ċintura. F'dawn il-festi kienu jsiru purċissjoni bl-istess statwa tal-Madonna li hi tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Fil-festa tal-Madonna tal-Warda, li kienet issir fl-ewwel Ħadd ta' Mejju,f'idejn il-Madonna u l-Bambin kien jitpoġġew żewġ bukketti żgħar tal-ward maħduma fil-ganutell. Fl-ewwel Ħadd ta' Settembru, għall-festa tal-Madonna taċ-Ċintura,f'idejhom kien ikollhom iċ-ċintura li kienet titpoġġa minn id il-Bambin għall-id il-Madonna. Imbagħad fix-xahar t'Ottubru fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju kienu jitpoġġew żewġ kuruni li jkunu mdendla f'idejn il-Madonna u l-Bambin.

**Il-Festa ta' San Mikiel**

Fix-xahar ta' Settembru kienet issir il-festa ddedikata lil dan l-Arkanġlu, li fil-parroċċa tagħna għandna fratellanza li ġġib ismu. Fl-imgħoddi fil-jiem ta' din il-festa kienet issir purċissjoni bl-istatwa artistika ta' San Mikiel li kienet inħadmet minn Wistin Camilleri. Illum il-ġurnata fil-Festa tal-Arkanġli fid-29 ta' Settembru ssir din il-festa fil-Knisja Parrokkjali permezz ta' għasar u quddiesa kantata. L-istatwa ta' San Mikiel tkun armata fil-korsija tal-Knisja għall-okkażjoni tal-festa.


It-Tubru armat fil-korsija taż-Żejtun

**L-Għid tal-Imwiet**

Fit-2 ta' Novembru niftakru fl-erwieħ tal-għeżież tagħna li jinsabu fil-purgatorju. Għal dan il-jum kien jintrama t-tubru li kien jitqiegħed fuq pjataforma għolja. It-tubru kien jiġi mgħotti b'faldrappa sewda. Madwar it-tubru kienu jitqiegħdu erba' bankuni bit-toqob fih u f'dawn it-toqob jiqiegħdu għoxrin xemgħa. Ma' dawn kienu jiżdiedu erba' gandlieri twal suwed fil-kantunieri tat-tubru u fihom kienu jiddaħħlu erba' xemgħat twal u li magħhom kienu jitwaħħlu erba' kwadri b'ras ta' mewt

mpittra fuqhom, tnejn minnhom kienu jkunu mlibbsa berettin.
Dakinhar tat-2 ta' Novembru, barra tberik tal-kannierji tal-knisja, mill-knisja kienet toħroġ purċissjoni immexxija bis-salib tal-kleru biex jitbierku wkoll l-oqbra ta' San Girgor, tas-Salvatur u ta' Santa Marija, peress li f'dawn il-kappelli kienu jindifnu n-nies. Kien isir ukoll tberik tal-kannierja tal-Istitut Ulied il-Qalb ta' Ġesu', tal-Ispirtu s-Santu.
Mill-għada kienu jsiru quddies b'suffraġju għall-erwieħ tas-saċerdoti u għall-erwieħ tal-fratellanzi, l-ewwel tas-Sagrament, it-tieni tar-Rużarju, imbagħad ta' San Mikiel u fl-aħħar taċ-Ċintura. Dan il-quddies kien isiru f'ġurnata wara oħra. Għal kull quddiesa kien ikun hemm bidla ċkejkna fuq it-tubru. Għal quddies tas-saċerdoti kienu jitqiegħdu stola vjola u berettin fuq it-tubru. Imbagħad għall-quddies tal-fratellanzi kienet titpoġġa muzzetta tal-fratellanza rispettiva, fil-quddiesa tal-fratellanza tas-Santissimu Sagrament kienet titpoġġa muzzetta ħamra, għal tal-Madonna tar-Rużarju kienet tkun bajda, għal tal-fratellanza ta' San Mikiel tkun ħadra u għal tal-Madonna taċ-Ċintura sewda.

**It-Terza**

F'kull tielet Ħadd tax-xahar, wara l-quddiesa kantata li kienet tkun fid-disgħa ta' filgħodu, kienet issir purċissjoni qasira bis-Santissimu Sagrament, bis-sehem tal-fratellanza tas-Sagrament. Il-purċissjoni kienet toħroġ minn bieb u tidħol minn ieħor. Jien għandi l-impressjoni li darba rajt din il-purċissjoni ddur mas-salib tal-pjazza. Wara kienet tingħata l-barka Sagramentali.



Purċissjoni tat-Terza immexxija minn Dun Salv Galea fl-ewwel quddies tiegħu fl-1952

L-iskop ta' din it-terza, isem marbut mal-fatt li kienet issir fit-tielet Ħadd tax-xahar, kien sabiex l-ostja li kienet titqiegħed fl-ostensorju tinbidel ma' waħda oħra ġdida kkonsagrata u li kienet titqiegħed fit-teka u tingħalaq fit-tabernaklu biex tintuża għal xi espożizzjoni. L-ostja li kien hemm qabel kienet tinġarr fil-purċissjoni wara kienet tiġi kkunsmata u allura ostja kienet iddum sat-terza ta' wara.
Biss fl-ewwel Ħadd tax-xahar kienet issir 'l hekk imsejħa l-Prima, purċissjoni fil-knisja li kienet tibda mill-artal tal-Madonna tar-Rużarju u wara li ddur mal-knisja u titla' mill-korsija kienet tispiċċa fuq l-artal maġġur, fejn kienet titkanta l-antifona tal-Madonna. Waqt il-purċissjoni li kien ikollha fiha s-sehem tal-fratelli, kienet titkanta l-litanija tal-Madonna.

*Wieħed jista' josserva kemm fil-parroċċa tagħna il-komunita kienet tingabar flimkien biex tiċċelebra dawn il-festi u ċelebrazzjonijiet.*